Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 164/2005

**Jeremy James Camilleri (ID 511074 M)**
**(appellat)**

**Vs**

**Carmelo sive Charles Bianco (ID 44368M) f' ismu proprju kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza ta' Western Company Limited**
**(appellant)**

30 ta' Ġunju, 2017.

**Il-Qorti,**

**Rat illi:**

1. Permezz ta' Avviż ppreżentat fit-28 ta' Marzu 2005,[1] l-attur Jeremy James Camilleri talab lill-Qorti tal-Maġistrati, tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom baqgħu inadempjenti fl-obbligi kuntrattwali assunti minnhom meta biegħu lill-attur il-vettura tal-marka Mazda 323 F bin-numru tar-reġistrazzjoni WLD-323, u ċioé li jirranġaw diversi nuqqasijiet u difetti li l-vettura kien fiha fil-mument tal-bejgħ, liema obbligi kienu kundizzjoni essenzjali tal-bejgħ, u dan minkejja li l-konvenut Charles Bianco pprova jirranġhom iżda mhux b' mod sodisfaċenti, u minkejja ukoll diversi talbiet da parti tal-attur sabiex il-vettura tissewwa, u tordna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex iħallsu s-somma ta' elf mija u sebgħa u tmenin liri Maltin u sebgħa u sittin ċenteżmu (Lm1187.67) jew somma oħra verjuri li tiġi likwidata mill-Qorti iżda li ma teċċedix il-ħamest elef liri Maltin (Lm5,000) rappreżentanti spejjeż sabiex tissewwa l-vettura in kwistjoni skont il-ftehim bejn il-partijiet.

2. Permezz ta' nota ta' eċċezzjonijiet[2] ppreżentata fil-21 ta' April 2005, il-konvenuti wieġbu illi perliminarjament Carmelo sive Charles Bianco f'ismu

[1] Fol. 1
[2] Fol. 11

personali ma għandu ebda rabta ma' l-attur u għalhekk mhuwiex leġittimu kontradittur f' din il-kawża u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju; u bla ħsara għal dan, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li mhux minnu li l-konvenut pro et nomine assuma xi obbligi mal-ftehim tal-bejgħ illi jirranġa xi nuqqasijiet jew difetti fil-vettura. Fi kwalunkwé każ, l-attur xtara l-vettura tale quale, id-difetti latenti ġew esklużi, u dana wara li l-attur ispezzjona l-vettura.

3. Permezz ta' deċiżjoni datata 30 ta' Novembru 2015, il-Qorti tal-Maġistrati ddeċidiet billi: (1) ċaħet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut Carmelo sive Charles Bianco f' ismu proprju kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza ta' Western Company Limited; (2) iddikjarat li l-konvenuti baqgħu inadempjenti fl-obbligi kuntrattwali assunti minnhom meta biegħu lill-attur il-vettura tal-marka Mazda 323 F bin-numru ta' registrzzjoni WLD 323, u ċioe' li jirrangaw diversi nuqqasijiet u difetti li l-vettura kien fiha fil-mument tal-bejgħ, liema obbligi kienu kundizzjoni essenzjali tal-bejgħ; u li s-soċjetà konvenuta baqgħet inadempjenti fl-obbligu kontrattwali minnha assunt li tissostitwixxi l-windscreen tal-vettura fuq imsemmija; (3) tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu s-somma ta' elfejn seba' mija sitta u sittin Euro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€2,766.53) - rappreżentanti is-somma ta' elf mija u sebgħa u tmenin liri Maltin u sebgħa u sittin ċentezmu (Lm1,187.67) lill-attur; u (4) l-ispejjeż kollha in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri għandhom jiġu subiti mill-konvenuti.

4. Illi minn din is-sentenza appella l-konvenut Carmelo sive Charles Bianco f' ismu proprju kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza ta' Western Company Limited. L-aggravju tagħhom jinqasam fi tlieta: (1) it-talba attriċi hija legalment improponibbli; (2) l-attur xtara il-vettura tale quale u bl-esklużjoni speċifika tal-garanzija tad-difetti latenti, u dana wara li kien diġà spezzjona il-vettura; (3) Carmelo Bianco mhux leġittimu kontradittur u kellu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

5. Illi permezz ta' risposta datata 12 ta' Jannar 2016, l-attur Jeremy James Camilleri wieġeb illi l-appell tal-konvenuti għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra tagħhom in kwantu s-sentenza appellata tat-30 ta' Novembru 2015 hija ġusta, ekwa u legali u timmerita li tiġi konfermata minn dina l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

<u>L-Ewwel Aggravju.</u>

6. Permezz tal-ewwel aggravju l-appellanti jgħidu li l-Qorti tal-Maġistrati ma kellihex tinterpreta s-sottomissijoni tagħhom, fis-sens li t-talba attriċi kienet improponibbli bil-mod kif saret, bħala tentattiv ta' preżentata ta' eċċezzjoni ulterjuri u ma kellhiex tikkonkludi li ma setatx tidħol f' din il-kwistjoni għaliex ma kienx hemm permess sabiex tali eċċezzjoni ulterjuri tiġi preżentata. Jisħqu li s-sottomissjonijiet tagħhom dwar l-improponibbiltà tal-azzjoni attriċi kellhom jiġu applikati awtomatikament mingħajr il-ħtieġa ta' eċċezzjoni f' tali sens.

7. Fil-każ odjern, jirriżulta illi l-attur talab dikjarazzjoni li l-konvenuti jew min minnhom '*baqgħu inadempjenti fl-obbligi kuntrattwali assunti minnhom*' u sabiex jiġu kkundannati jħallsu s-somma rappreżentanti spejjeż sabiex tissewwa l-vettura li l-attur xtara mingħand il-konvenuti.

8. Il-konvenuti argumentaw li l-kawża hi improponibbli peress li:

> '*kemm il-liġi kif ukoll il-ġurisprudenza huma ċari dwar x' rimedji għandu il-kompratur minn kompravendita ... għalhekk jirriżulta li l-azzjoni attriċi kif inhi imposta bħala azzjoni merament ta' danni ma għandha ebda bażi ġuridika u t-talbiet hemm kontenuti ma jistgħux jintlaqgħu peress illi tali azzjoni hi improponibbli, u dan dejjem fl-ambitu ta' azzjoni naxxenti minn bejgħ, fejn l-uniċi azzjonijiet li huma disponibbli għall-kompratur huma l-azzjoni dwar il-paċifiku pussess u difett latenti skond l-artikolu 1427 u l-azzjoni ... li l-oġġett mhux tal-kwalità pattwita abbażi tal-artikolu 1390 tal-Kap. 16 ... minn eżami taċ-ċitazzjoni jirriżulta li din l-azzjoni saret biss abbażi ta' danni ex contractu skond il-prinċipji ġenerali tal-kuntratti u għalhekk għal kollox differenti u estranja għal-liġi speċjali u azzjonijiet ad hoc permissibbli taħt il-kunċett ta' bejgħ jew tpartit ...'*.

9. Dwar dan l-ewwel qorti iddeċidiet illi minħabba l-ġurisprudenza kostanti fis-sens illi l-ebda eċċezzjoni ulterjuri, salv dawk li huma ta' natura perentorja jew li jinqalgħu waqt il-kawża, ma tista' tingħata mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti. Għalhekk ma tistax tieħu konjizzjoni ta' din l-eċċezzjoni sollevata fi stadju inoltrat tal-proċeduri mingħajr il-permess tagħha.

10. Filwaqt li huwa minnu li Qorti għandha tqis kull talba mressqa quddiemha entro il-parametri tal-liġi u ma tistax tilqa' talbiet li jmorru oltré r-rimedji mogħtija mil-liġi:

> '*mhux korrett u lanqas ma għandu jiġi permess li, fi stadju inoltrat tal-kawża meta l-istadju tal-provi jkun magħluq u meta din titħalla għas-sottomissjonijiet orali jew biex*

*jiġu preżentati noti tal-osservazzjonijiet, il-kontro-parti tiġi rinfaċċata b'linja difensjonali ġdida mingħajr ma jiġu osservati r-regoli proċedurali.'*[3]

11. Isegwi li, f' każ li l-konvenuti deherilhom li kellhom jikkontestaw il-bażi legali tal-azzjoni attriċi, kellhom jagħmlu dan permezz ta' eċċezzjoni speċifika entro ż-żmien u l-parametri legali permessi mil-liġi.

12. B'dana kollu jiġi rilevat li minkejja l-kunsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti fir-rigward ta' l-ammissibilità o meno ta' eċċezzjoni bħal dik sollevata mill-konvenuti appellanti, jidher li l-istess Qorti eżaminat il-portata tal-istess eċċezzjoni u ċaħditha:

    *'Fl-aħħarnett, għalkemm din il-Qorti ċaħdet li tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti sollevata minnhom l-ewwel darba fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, għal kull buon fini, din il-Qorti hija tal-opinjoni li din hija kawża għal enforzar ta' ftehim kontrattwali, li għalkemm sar fil-kuntest ta' bejgħ ta' vettura, huwa indipendenti mill-istess bejgħ, u konsegwentement id-disposizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-istitut tal-bejgħ huma rrelevanti għar-riżoluzzjoni tal-kawża odjerna.'*

13. Effettivament, il-premessi tat-talba attriċi mhumiex ibbażati fuq il-fatt li l-karozza mibjugħa kellha difett moħbi fil-mument tal-bejgħ jew li ma kinitx tal-kwalità imwiegħda, iżda ġew ibbażati fuq il-premessa li l-konvenuti baqgħu inadempjenti fl-obbligi kuntrattwali assunti minnhom meta biegħu lill-attur l-imsemmija vettura bl-intendiment li d-<u>difetti li l-vettura kien fiha fil-mument tal-bejgħ</u> kienu se jittranġaw minnhom. Isegwi għalhekk li l-konvenuti m' għandhomx raġun jgħidu li l-azzjonijiet li kienu jispettaw lill-atturi kienu limitatament l-*actio redhibitorja* jew l-*actio aestimatorja* jew azzjoni a tenur tal-artikolu 1390 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

14. Kif ġustament deċiż mill-Ewwel Qorti għalkemm il-ftehim kuntrattwali bejn il-partijiet jinsorġi minn kuntest ta' bejgħ, finalment dak mitlub mill-attur huwa l-enforzar ta' ftehim kuntrattwali.

15. L-aggravju hu miċħud.

<u>It-Tieni Aggravju.</u>

16. Permezz tat-tieni aggravju l-appellanti jilmentaw li l-attur xtara l-vettura *tale quale* bl-esklużjoni speċifika tad-difett latenti wara li spezzjonaha kif jirriżulta mid-dokument eżebit a fol. 25 u 88 tal-proċess u:

---

[3] ***Vincent Camilleri et - vs - Gaetana Aquilina,*** Qorti tal-Appell, 16 ta' Marzu 2004.

*'ma jistgħu jifhmu kif l-ewwel Qorti skartat għal kollox dan id-dokument, liema dokument huwa l-iprem prova li tirregola ir-relazzjoni bejn il-partijiet.'* Skonthom, *'il-fatt li dokument eżebit in atti – u mhux attakkat mill-kontroparti – ma ġiex magħżul mill-Qorti kif diversament presjeduta minn maġistrat ieħor, biex jiġi analizzat mill-espert kalligrafu, ma jista' qatt iwassal għall-konklużjoni illi mhuwiex dokument validu.'*

17. Il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim' Istanza fil-mertu kienu s-segwenti:

*'Il-kwistjoni kollha tirrivolvi ruħha fuq kredibilita ta' xhieda, u ċioe jekk il-konvenut Bianco u/jew is-soċjetà attriċi kienux obbligaw ruħhom qabel ġie konkluż il-bejgħ, li jagħmel ċerti tiswijiet lill-vettura li ried jixtri l-attur, u li wara l-bejgħ jekk obbligawx ruħhom li jibdlu ukoll il-windscreen li xxaqqaq, għax l-espert kaligarafu ikkonkluda wkoll li l-firma fuq id-dikjarazzjoni dwar il-windscreen kienet dik tal-konvenut Bianco.*

*Mill-assjem tal-provi, din il-Qorti issib li l-versjoni tal-fatti tal-attur hija aktar verosimili ...*

*Fid-dawl tal-inkonsistenzi fix-xhieda tal-konvenut Bianco u n-nuqqas ta' provi biex jikkorroboraw it-teżi tiegħu, meta komparata max-xhieda konsistenti tal-attur li hija korroborata minn xhieda oħra indipendenti, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-attur irnexxielu jipprova sal-grad rikjest fil-kamp ċivili, li huwa aċċetta li jixtri l-vettura in kwistjoni bl-intiża li l-konvenut Bianco kien se jsewwilu d-difetti li l-attur induna bihom meta eżamina l-vettura, nonostante li l-attur iffirma fil-kuntratt ta' bejgħ li qed jixtri l-vettura tale quale.*

*Kif diġa intqal, l-espert kaligrafu qatt ma esprima ruħu fuq il-ġenwita tal-firma tal-attur fuq l-ftehim l-ieħor li sar bejn is-soċjeta konvenuta u l-attur, fl-istess ġurnata u fuq l-istess persuna, fejn mhux biss jingħad li din il-vettura qed tinbiegħ tale quale, iżda wkoll ċioe bla ebda garanzija għal xi difett latenti, u għal dan il-għan il-kompraturi qiegħdin jirrinunzjaw għal kull dritt li talvolta jista' għandhom stante li huma spezzjonaw l-imsemmija vettura u jiddikjaraw li huma sodisfatti minnha.*

*Inoltre, l-attur ipprova wkoll sal-grad rikjest fil-kamp ċivili li wara l-bejgħ is-soċjetà konvenuta kienet obbligat ruħha li tibdillu l-windscreen li kien ixxaqqaq waqt li l-vettura kienet għand l-electrician tal-konvenuti. Fis-sottomissjonijiet orali, l-abbli difensur tal-konvenuti issottometta li d-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta fir-rigward tal-windscreen kienet qed tiġi interpretata b'mod ħażin għax dik l-offerta kienet biss għar-rigward li jgħinuh biex isib min jirrangahom dawn il-windscreens. Jigifieri jgħinuh biex jaraw min ħa jsewwihielu. Il-Qorti tosserva fl-ewwel lok li lanqas il-konvenut Charles Bianco li huwa rappreżentant tas-soċjetà konvenuta u li iffirma din id-dikjarazzjoni, ma ħareġ b'din l-interpretazzjoni waqt ix-xhieda tiegħu. Fit-tieni lok, il-kliem tad-dikjarazzjoni huwa ċar – li s-soċjetà konvenuta qed tobbliga ruħha li l-windscreen tal-vettura in kwistjoni se jiġi ritornat lill-attur fi żmien xahrejn. Il-Qorti ma tħossx li għandha telabora aktar fuq din il-kwistjoni.'*

18. L-appellanti jikkontendu li l-ewwel Qorti kellha tħares lejn id-dokumentazzjoni skritta li tirregola r-relazzjoni bejn il-partijiet u, fin-nuqqas ta' prova ċara illi d-

dokument kien falz, tieqaf hemm. Huma '*ma jistgħux jifhmu kif il-Qorti tagħti kredibilità lill-appellat meta dana jgħid fix-xhieda tiegħu illi qatt ma iffirma kuntratti waqt illi l-provi u anki l-espert kalligrafu giddbuh bis-sħiħ u b' mod definittiv'.*

19. Din il-Qorti tibda billi ttenni l-prinċipju assodat fil-ġurisprudenza nostrana li:

> '*Huwa paċifiku li **f' materja ta' dixxiplina tal-proċeduri, Qorti tat-tieni grad bħala regola ma tiddisturbax ir-regolament tal-Qorti tal-ewwel grad jekk mhux verament għal motivi gravi**, dak li fil-fehma tal-Qorti ċertament hawn m' huwiex il-każ. Dan għaliex mill-provvedimetni tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-andament tal-kawża huwa sostanzjalment, anké jekk forsi mhux assolutament, imħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Kif drabi oħra ingħad "din il-fakultà hija soġġetta għall-prinċipji ġenerali tar-raġuni prattika u l-grad ta' din il-fakultà imbgħad jiddependi mill-ġudikant, u tista' ukoll toxxilla skont il-personalità ġuridika li jipposjedi l-ġudikant" – **Perit Giudo Vella -vs- Dr. Emmanuel Cefai**, Appell Ċivili, 14.01.1993.'*[4]

20. Madanakollu l-ġurisprudenza tipprovdi ukoll illi:

> '*... bħal fil-każ ta' kull regola oħra jeħtieġ li jiġu senjati l-veri limiti tal-prinċipju. Hekk jinsab ukoll sew affermat illi meta din il-Qorti tkun konvinta li tkun ser tiġi kaġonata inġustizzja manifesta, hi għandha, b' dover, l-obbligu li tissindika dak l-apprezzament u anké tasal għal konkluzjoni diversa minn dik li tkun waslet għaliha l-qorti ta' l-ewwel grad. Jokkorri għalhekk li jiġu ri-eżaminati l-fatti provati biex minnhom tara jekk jeżistux "raġunijiet gravi li jwassluha għall-konvinċiment illi dik il-Qorti ma setgħetx ma kienetx żbaljata fl-apprezzament tagħha. Raġunijiet li jwassluha għall-konvinzjoni illi jekk ma tissostitwix l-apprezzament tagħha ta' dawk il-provi għal dawk ta' l-ewwel Qorti tkun ser tiġi krejata inġustizzja manifesta" - "**Joseph Walker nomine -vs- Raymond Pizzuto**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999 u "**Emily Stivala et - vs- George Pace**", Appell mill-Bord, 6 ta' Ottubru 2000*[5]

21. Dan ifisser illi:

> '*... fejn, wara ri-kunsiderazzjoni tal-atti kollha proċesswali, jitnissel fiha l-konvinċiment illi l-provi prodotti **ma kinux u ma setgħux iwasslu għall-konkluzjoni raġġunta**, il-Qorti ta' reviżjoni kienet fid-dmir li tiddelibera s-sentenza u anké tqegħda in disparte*[6]

22. Inoltre, din il-Qorti ttenni prinċipju assodat sew fil-ġurisprudenza fis-sens li l-Ewwel Qorti tgawdi minn marġini wiesgħa ħafna fl-apprezzament tal-provi:

> *'Ġja ġie osservat diversi drabi minn din il-Qorti illi l-valutazzjoni tal-provi hi fondata fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu, dejjem, pero`, prudenzjali, tal-ġudikant adit*

---

[4] ***Korporazzjoni Telemalta v Hili Diane***, Qorti tal-Appell Inferjuri (Imħallef P. Sciberras) 15.12.2003.

[5] ***Pirotta Rita vs Carbonaro Simon***, Qorti tal-Appell Inferjuri (Imħallef P. Sciberras) 17.11.2004.

[6] ***Chircop Stephen vs Caruana Mary Grace,*** Qorti tal-Appell Inferjuri (Imħallef P. Sciberras) 28.04.2004.

*mill-mertu. Dan neċessarjament u loġikament ifisser illi l-ġudikant għandu poter diskrezzjonali ampju li mir-riżultanzi probatorji huwa jqis dawk il-provi li, għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu, iqis l-aktar attendibbli u idoneji. Fl-eżerċizzju ta' dan il-proċess huwa fakoltizzat li jaċċetta x-xhieda ta' wħud u jwarrab jew jiskarta oħrajn u jqiegħed a fondament tad-deċiżjoni tiegħu fonti ta' prova ad eskluzjoni ta' oħra. Kif inhu ben konsolidat f'ġurisprudenza konkordi dik il-valutazzjoni tal-ġudikant ta' l-ewwel grad hi nsindakabbli minn Qorti ta' reviżjoni jekk tirriżulta loġika u koerenti ma' l-elementi tal-provi utilizzati, u kif ulterjorment sostenuta minn motivazzjoni adegwata li tikkonsenti l-kontroll tal-kriterju logiku segwit.*[7]

23. Isegwi għalhekk li fl-eżerċizzju deliberattiv, l-Ewwel Qorti kellha l-fakoltà li taċċetta x-xhieda ta' wħud u twarrab jew jiskarta oħrajn u tqiegħed a fondament tad-deċiżjoni tagħha fonti ta' prova ad eskluzjoni ta' oħra.

24. F'dan l-isfond il-Qorti sejra tikkunsidra jekk l-attur irnexxilux jipprova t-talba tiegħu sal-grad rikjest mil-liġi u jekk tali prova setgħatx twassal għall-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti.

25. L-ewwel qorti wara li evalwat il-verżjonijiet kontrastanti tal-fatti ta' kull waħda mill-partijiet, ikkonstatat illi mill-assjem tal-provi l-verżjoni tal-attur hija aktar verosimili. Dan abbażi tas-segwenti: (1) il-verżjoni tal-attur hija korraborata kemm minn missieru kif ukoll minn diversi xhieda indipendenti; (2) il-konvenut ma nnegax jew ma ġġustifikax li kien qed jipprova jevita lill-attur; (3) il-konvenut, filwaqt li inizjalment ċaħad li nnegozja mal-attur u li kien ħalla kollox f'idejn is-*salesman,* sussegwentment jgħid li fuq il-kwistjoni tal-prezzijiet kien innegozja mal-attur; (4) filwaqt li l-konvenut Bianco jallega li l-attur ħareġ il-karozza biex jippruvaha l-ewwel darba li mar il-ħanut tiegħu, jgħid ukoll li ma setax jagħtih il-karozza sabiex isuqha fit-triq qabel ma jġib l-assikurazzjoni; (5) minkejja li l-konvenut xehed li ma ftakarx li l-attur ġibidlu l-attenzjoni għal ċertu difetti li kien offra li jidħol għalihom hu, u lanqas ftakar li ftiehem mal-attur sabiex dan tal-aħħar jieħu l-vettura għand *electrician* tal-għażla tiegħu, a fol. 83 huwa xehed li meta l-attur mar għand *electrician* ħallsu hu; (6) minkejja li l-attur jgħid li l-vettura ttieħedet għall-VRT preżumibilment qabel ġie ffirmat il-ftehim, mid-dokument a fol. 84 jirriżulta li dan mhuwiex minnu; (7) il-konvenut Bianco ma ta l-ebda spjegazzjoni għaliex kienu ġew iffirmati żewġ ftehim ta' bejgħ differenti fl-istess jum fuq l-istess vettura u lanqas ma spjega għalfejn kien hemm numru ta' diverġenzi bejn il-kundizzjonijiet tal-bejgħ fiż-żewġ skritturi ta' ftehim; (8) lanqas ix-xhieda tal-lavranti tal-konvenut, Ivan Aguis u Carmelo Richard, m'hi verosimili tenut

[7] ***Abdilla John Et Vs Water Services Corporation***, Qorti tal-Appell (Inferjuri), 14.12.2006.

kont tal-fatt li minkejja t-trapass ta' żmien għarfu lill-attur fl-awla u li kienu biegħulu Mazda bajda li kienet taħdem tajjeb.

26. Effettivament, għalkemm huwa minnu li l-espert kaligrafu ikkonferma l-firma tal-konvenut fuq id-dokument a fol. 85 u 90 tal-proċess, fil-kuntest tal-provi kollha prodotti u tal-kunsiderazzjonijiet surriferiti li għamlet l-Ewwel Qorti abbażi tal-istess, dan ma jxejjinx il-kreddibilità tal-attur.

27. Lanqas ma jimmerita akkoljiment l-aggravju tal-appellanti abbażi tal-fatt li l-vettura kienet qegħda tinbiegħ *tale quale* skont id-dokument a fol. 25 u 88 tal-proċess:

(i) Ibda biex, il-konvenuti fl-ebda parti tal-aggravju tagħhom ma jirreferu għall-kuntratt eżebit a fol. 85 tal-proċess u tant inqas jispjegaw għalfejn saru żewġ skritturi ta' bejgħ differenti għall-istess vettura fl-istess jum u għalfejn l-Ewwel Qorti kellha tistrieh fuq il-ftehim a fol. 25 u 88 tal-proċess;

(ii) l-espert kalligrafu qatt ma esprima ruħu fuq il-ġenwità tal-firma tal-attur fuq l-ftehim li sar bejn is-soċjetà konvenuta u l-attur a fol. 25 u 88 tal-proċess li ssir referenza għalih mill-appellanti f' dan l-aggravju;

(iii) f' kull każ, hu evidenti li l-iskritturi eżebiti kemm a fol. 25/88 u 85 huma tat-tip *standard form* li jkunu diġa' stampati u kull ma jsir hu *fill in the blanks* għal dak li jirrigwarda data tal-kuntratt, dettalji tal-partijiet, data tat-trasferiment, id-dettalji tal-vettura u l-prezz u depożitu. Hu evidenti li l-kumplament tal-klawżoli kuntrattwali, inkluż klawżola 5, huma kundizzjonijiet li jimponu l-bejjiegħa tal-vetturi fuq il-klijenti tagħhom. Fil-fatt il-klawżoli huma kollha obbligazzjonijiet imposti fuq ix-xerrej. F'dan il-kuntest, il-Qorti hija tal-fehma li għalkemm l-iskrittura ta' bejgħ tipprovdi li l-vettura kienet qegħda tinbiegħ *tale quale*, jekk mill-provi jirriżulta li sar ftehim bejn il-partijiet sabiex jittranġaw xi nuqqasijiet u difetti li kien fiha l-vettura fil-mument tal-bejgħ u l-konvenuti aċċettaw li jagħmlu dan, dak il-ftehim kien validu. Ovvjament huwa l-attur li kellu jaghti prova ta' dan.

28. Kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti, mill-assjem tal-provi jirriżulta li l-attur aċċetta li jixtri l-vettura in kwistjoni b'dan li l-konvenut Bianco kien se jsewwilu d-difetti li l-attur induna bihom meta eżamina l-vettura, nonostante li

l-attur iffirma fil-kuntratt ta' bejgħ li qed jixtri l-vettura *tale quale*. Isegwi għalhekk li l-aggravju tal-appellanti ma jreġix.

29. Inoltre, mhuwiex ġust li l-appellanti jipprovaw ipoġġu xi ħtija fuq il-qorti rigward in-nuqqas ta' prova dwar il-ġenwinità tad-dokument a fol. 25 u 88 tal-proċess meta mill-atti jirriżulta li l-każ ġie differit kemm-il darba biex il-partijiet jindikaw lill-espert kaligrafu d-dokumenti in atti li għandhom jiġu eżaminati minnu. L-oneru tal-provi kien jinkombi fuq il-partijiet u mhux il-Maġistrat u jekk l-konvenuti deherilhom li l-espert kellu jikkonferma l-ġenwinità tal-imsemmi dokument a fol. 25 u 88 kellhom jagħmlu talba f' dan is-sens, ħaġa li minn imkien ma tirriżulta mill-atti.

30. Dwar l-ilment fis-sens li *'wara li għamel id-depożitu ta' flus inizjali, l-attur żamm il-vettura, ma għamel ebda depożitu l-Qorti, ħallas kambjala waħda biss ta' Lm50 u jippretendi illi l-konvenuti għandhom iħallsuħ id-danni'*, apparti l-fatt li dan ma jammonta għall-ebda aggravju mis-sentenza appellata, dan l-argument ma jreġix in kwantu xejn ma kien iżomm lill-konvenuti biex jipproċedu kontra l-attur għall-bilanċ tal-prezz u jekk naqsu li jagħmlu dan, ma jistgħux jużaw dan l-argument sabiex jiġġustifikaw in-nuqqas tagħhom li jottemporaw ruħhom mal-obbligi kuntrattwali assunti minnhom.

31. Il-qorti żżid li klawżola 5 taqra:

> *"Il-vettura qed **tinbiegħ tale quale u ċioe' bla ebda garanzija għal xi difett laten**ti u għal dan il-għan, il-kompraturi qegħdin jirrinunżjaw għal kull dritt li talvolta jista' għandhom stante li huma spezzjonaw l-imsemmija vettura u jiddikjaraw li ħafna sodisfatti minnha".*

Dik il-klawżola kienet qegħda tkopri **difetti latenti**. Il-każ quddiem il-qorti m'għandu x'jaqsam xejn ma' difetti latenti in kwantu l-ewwel qorti kkonkludiet li kienu difetti identifikati li dwarhom kien intleħaq ftehim bejn il-partijiet li ssir it-tiswija tan-nuqqasijiet li kienu ġew identifikati mill-attur.

32. L-aggravju hu miċħud.

It-Tielet Aggravju

33. Illi permezz tal-aggravju tagħha, l-appellanti jilmentaw li Carmelo Bianco mhux leġittimu kontradittur u kellu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

34. Dwar din l-eċċezzjoni, l-Ewwel Qorti ddeċidiet illi:

*'Matul il-kors tal-kawża ġew ippreżentati diversi dokumenti: ġie ppreżentat kuntratt ossia ftehim ddatat 6 ta' Awwissu 2003, fejn fil-parti ta' fuq jingħad li dan il-ftehim qed isir bejn Charles Bianco għan-nom ta' Gianluca Auto Dealers u l-attur, iżda fil-parti t'isfel tiegħu Charles Bianco iffirma għan-nom ta' Western Co. Ltd. Ġew eżebiti żewġ dokumenti tal-Bank of Valletta p.l.c. fejn Charles Bianco qal li ġġira l-kambjali iżda liema dokumenti mhux iffirmati mill-Bank of Valletta, jindikaw lil Western Co. Ltd bħala d-drawer u l-agent. Ġie preżentat ukoll dokument bla data intitolat Notice of Transfer lid-Direttur tat-Traffiku li ġie ffirmat minn Charles Bianco f'ismu propju bħala l-venditur u l-attur bħala x-xerrej. L-attur ippreżenta d-dikjarazzjoni bla data magħmula fil-konfront tal-windscreen ġiet magħmula minn Charles Bianco għan-nom ta' Western Co. Ltd. Fir-rapport tal-espert kaligrafu hemm dokument ossia ftehim, li oriġinarjament kien a fol. 85 tal-proċess, bil-letterhead C. Bianco Auto Dealer ddatat 6 ta' Awwissu 2003 fejn Charlie Bianco ġie indikat bħala l-bejjiegħ, u li jikkontjeni l-kundizzjonijiet tal-bejgħ li kif se jingħad iktar tard huma differenti minn dawk tal-ftehim l-ieħor li jġib l-istess data u li wkoll hu eżebit fil-proċess. L-irċevuta għal kambjala li ġiet imħallsa nħarġet mis-soċjeta' Western Company Limited. Ġiet eżebita ittra datat 6 ta' Awwissu 2004 mibgħuta lil Charles Bianco bħala propretarju u ġestitur ta' Western Auto Dealers iżda ġiet iffirmata għan-nom ta' Western Co. Ltd u l-istess ittra għandha l-letterhead ta' Western Co. Ltd.*

*Mis-suespost jidher li hemm konfużjoni sħiħa ta' liema kappell kien qed jilbes il-konvenut Charles Bianco, għax mid-dokumenti eżebiti huwa jidher f'ismu proprju, għan-nom ta' Gianluca Auto Dealers, għan-nom ta' Western Co. Ltd, għan-nom ta' Western Auto Dealers u għan-nom ta' C. Bianco Auto Dealer. Mir-rapport tiegħu, jirriżulta li l-espert kaligarafu eżamina l-firma tal-attur fuq il-ftehim ma' Charles Bianco f'ismu proprju bħala l-bejjiegħ, u ikkonkluda li l-firma fuq dan id-dokument hija tal-attur, u ma eżaminax il-firma tal-attur fuq il-ftehim mal-konvenut Bianco f'isem is-soċjeta Western Co. Ltd.*

*Konsegwentament, din il-Qorti hija tal-opinjoni li l-konvenut Charles Bianco huwa leġittimu kontradittur għax hu iffirma l-ftehim tal-bejgħ tal-vettura in kwistjoni f' ismu proprju. Inoltré, l-attur dejjem xehed li hu kien jittratta mal-konvenut Charles Bianco, u qatt ma ssemmiet is-soċjeta konvenuta, ħlief meta Charles Bianco għas-soċjetà konvenuta obbliga ruħu bil-miktub li jbiddel il-windscreen tal-vettura in kwistjoni, meta dan ixxaqqaq, waqt li l-vettura kienet għand l-electrician ta' Bianco.*

*Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tiċħad din l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti fin-nota tal-eċċezzjonijiet tagħhom.'*

35. Illi fis-sentenza ***Mirabel Distributors Limited vs Emanuel Zammit***,[8] dina l-Qorti kif diversament ippresjeduta għamlet is-segwenti osservazzjonijiet in konnessjoni ma' dan il-punt proċedurali:

*'Saru frekwenti l-kawżi fejn persuna azzjonata għal ħlas titrinċera ruħha wara l-eċċezzjoni li ma hiex illeġittimu kontradittur. Kif ġie osservat "ċerti każijieit huma ovvji, oħrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm dubbju pero', wieħed kellu jippresumi*

[8] Appell Inferjuri deċiż fis-16 ta' Diċembru 2002.

*illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed tagħmel f'isimha proprju" – "**Lawrence Formosa et noe –vs- Silvio Felice**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999.*

*Issokta jiġi sostenut illi "biex ikun diversament kien jispetta lill-appellanti li jipproduċu provi konklussivi in sostenn tal-pretensjoni tagħhom proprju biex jistabilixxu illi dak li kellu jiġi prima facie preżunt miċ-ċirkostanzi materjali li fihom sar in-negozju …… ma kienux jirrispekkjaw il-verita' għaliex fil-verita' n-negozju kien sar ma' ħaddieħor" – "**John Vella nomine –vs- Anthony sive Mario Anthony Vella et**", Appell, 3 ta' Dicembru 1999.*

*Bħal fil-każ tal-konklużjoni raġġunta fid-deċiżjonijiet fl-ismijiet "**Joseph Chetcuti nomine -vs- Peter Paul Camilleri**", Appell, 4 ta' Diċembru 1988; "**Anthony Caruana et –vs- John Magro et**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999, u l-oħrajn referenzjati fihom, "din il-Qorti jidhrilha li l-konvenut m rnexxilux jipprova sodisfaċentement li hu mhux obbligat personalment li jħallas il-kreditu tas-soċjeta' attriċi. Fi kliem ieħor ma jirriżultax sodisfacentement li meta l-konvenut innegozja mas-soċjeta' attriċi 'a tempo vergine' hu ġab a konjizzjoni tagħha li hu kien qiegħed jixtri għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' u li din is-soċjeta' biss kienet obbligata għal ħlas."*

36. Fl-aggravju tagħhom l-appellanti sempliċement itennu li Carmelo Bianco personalment ma għandu l-ebda rabta mal-attur iżda fl-ebda waqt ma jirreferu għall-motivazzjonijiet tal-Ewwel Qorti għar-raġunament tal-qorti li wassalha biex tiċħad din l-eċċezzjoni.

37. Din il-Qorti, għalhekk ma tarax li għandha għalfejn tiddilunga ulterjorment fuq dan il-punt u għaldaqstant, filwaqt li tikkunsidra dan l-aggravju mhux biss infondat u nsostenibbli iżda wieħed fieragħ, tikkonferma li abbażi tal-provi in atti, il-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti kienet waħda ġusta.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.